MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1176/2004

**Perit Paul Camilleri f'ismu propju u ghal kull interess li ghandu f'Paul Camilleri & Associates**

**vs**

**Mario Grixti**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Gunju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' erbgha mija u lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm401.20) inkluza t-taxxa fuq il-valur mizjud, dovuta bhala drittijiet professjonali u ghall-prestazzjonijiet maghmula mill-Perit Paul Camilleri u s-socjeta civili Paul Camilleri & Associates in konnessjoni max-xoghlijiet li saru fuq il-propjeta maghrufa bhala 'Isis' f'Graham Street, Sliema.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, u bl-imghax legali mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13(b) tal-Kap. 380 tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il- konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' erbgha mija u lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm401.20), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------